SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 15/K8/16**

**Laqgħa numru 15 tal-Leġislatura Nru. 8**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 26/04/16 393**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 04/03/'16 21**

## 15.01 Introduzzjoni

**15.01.01** Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta 26 ta' April 2016.

**15.01.02** Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-5.00p.m.

| Isem | Kariga | Inizjali | Preżenza |
|---|---|---|---|
| Guido Dalli | Sindku | GD | Preżenti |
| Dott. Albert Buttigieg | Viċi Sindku | AB | Preżenti |
| Martin John Sultana | Kunsillier | MJS | Skużat |
| John Agius | Kunsillier | JA | Preżenti |
| Adrian Dominic Ellul | Kunsillier | ADE | Prezenti |
| Clayton Luke Mula | Kunsillier | CLM | Preżenti |
| Clayton Tanti Gregoraci | Kunsillier | CTG | Preżenti |
| Rita Dimech Portelli | Kunsilliera | RDP | Skużata |
| Paul Spiteri | Segretarju Eżekuttiv | PS | Preżenti |
| Cher Carmen Fenech | Skrivana | CCF | Preżenti |

**15.01.03** L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ is-Sur Brian Azzopardi informa lill-Kunsill li ma jistax jattendi għal-laqgħa. (Inc.2413 /16)

**15.01.04** Preżenza tal-Pubbliku:- (0)

**15.01.05** Iċ-Ċermen Guido Dalli ippresieda l-laqgħa.

**15.01.06** Inqrat it-Talba.

**Aġenda**

**15.01.07** Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-14 ta' April 2016. L- Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Għoti ta' Tender
4. Mozzjoni
5. Co-option ta' Membru
6. Audit Adjustment
7. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
8. Update tal-proġetti
9. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
10. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets
11. Aġġornament tal-Laqgħa.

## 15.1 Approvazzjoni ta' Minuti

**15.1.01** Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 14/K8/16 għall-approvazzjoni.

**15.1.02** Il-Vici Sindku Albert Buttigieg ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

**15.1.03** Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ssekondah.

**15.1.04** Il-Kunsill qabel unanimament.

## 15.1.2 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville

**15.1.2.01** Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 17/KA2/16 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville.

Inqraw l-ittri tal-Kunsilliera Rita Dimech Portelli, l-Kunsillier Martin John Sultana u is-Sur Brian Azzopardi jiġu skużati għal din il-laqgħa u dawn ġew aċċetati. (Ara Inc. 2339, 2413 u 2423/16)

## 15.2. Korrispondenza

**15.2.01** Fuq il-mejda tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**15.2.02** **Rif Nru. 2110**

Saret riferenza għall-ftehim mal-J&F Investments dwar reklamar. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jsiru dawn l-*billboards.*

**15.2.03** **Rif Nru. 2133**

Il-Kunsill gie nfurmat b'email mingħand il-MEPA dwar l-*eApplications* System.

**15.2.04** **Rif Nru. 2167**

B'riferenza għall-korrispondenza mas-Sur Philippe Gatt dwar l-attivita' tal-Euro Cup, il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jingħata l-permess. It-talba għall-permessi kollha ser tkun ta' €5,500. Il-Kuntrattur offra li waqt waħda mill-attivitajiet tiegħu, jagħti spazju lill-Kunsill sabiex itella' attivita' b'xejn. Il-Kunsill qabel ma' din l-offerta, iżda d-data ta' meta ser jipparteċipa ser tingħata aktar 'il quddiem.

**15.2.05** **Rif Nru. 2174**

Saret riferenza għat-talba mingħand l-Għaqda Anzjani Ġiljaniżi għall-ħlas tat-trasport waqt il-ħarġiet. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill

aċċetta li jorganizza dawn il-ħarġiet b'kollaborazzjoni magħhom.

**15.2.06** **Rif. Nru. 2236**

Saret riferenza għall-email l-i*Street Naming Committee* dwar l-isem tal-Pjazza bejn Triq San Mark u Triq Lapsi. Importanti li meta ssir l-isem tat-Triq, l-isem isir Pjazza Tberik tar-Riħ.

**15.2.07** **Rif Nru. 2238**

Saret riferenza għall-email l-i*Street Naming Committee* dwar l-isem tat-trejqa li tagħmel parti minn Triq Klarissi. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li tiġi msemmija Triq il-Monasteru.

**15.2.08** **Rif Nru. 2251**

Il-Kunsill ġie nfurmat b'ittra mingħand it-Transport Malta b'approvazzjoni fir-rigward it-talba biex Triq il-Qalb Imqaddsa ssir *one way*. Importanti li jsiru s-sinjali kollha kif mitlub kif ukoll tintbagħat ittra lir-residenti sabiex jkunu nfurmati li din il-*one way* ser tibda topera.

**15.2.09** **Rif Nr. 2420**

Saret riferenza għat-talba għall-permess mingħand Malta Film Company għal filming fi Ġnien Spinola. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma' jsib l-ebda oġġezzjoni. Fl-istess ħin, il-Kunsill ser jitlob is-somma ta' €300.00 biex jagħmel tajjeb għat-tindif u ħruġ ta' permessi.Importanti li għal waqt l-attivita' l-bibien tal-ġnien jibqgħu magħluqin tul il-ħin tal-filming, filwaqt li ninfurmaw lil min jieħu ħsieb il-ġnien sabiex ġurnata qabel jitnaddaf sew il-ġnien. Filwaqt li għandhom jinħarġu no parking signs in-naħa tal-ġnien min-naħa ta' Triq il-Knisja sabiex ma jipparkjawx.

**15.2.10** **Rif Nru. 2433**

Saret riferenza għat-talba mingħand is-Sur Moreno Fontana għal Kiosk f'Xatt is-Sajjieda. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jaċċettax minħabba li mhux qiegħed jaċċetta talbiet oħra simili.

**15.3 Għoti ta' Tender**

**15.3.01** Il-Kunsill ġie pprezentat biż-żewġ offerti li l-Kunsill irċieva fir-rigward it-tender ta' The Maintanance of Traffic Signs and Road Markings. (Ara Appendici 'A')

**15.3.02** Wara diskussjoni qasira, il-Viċi Sindku Albert Buttigieg ippropona li tintagħżel l-offerta ta' l-Fix All abbażi li kienet l-aktar waħda vantaġġjuża.

**15.3.03** Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy ssekondah.

**15.3.04** Il-Kunsill qabel unanimament.

**15.3.05** Il-Viċi Sindku Albert Buttigieg ġie skużat fis-6.00p.m.

**15.4 Mozzjoni**

**15.4.1** Din ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss minħabba li l-Kunsillier Martin John Sultana m'huwiex preżenti.

**15.5 *Co-Option* ta' Membru**

**15.5.01** Dan l-item tħalla għall darba'ohra minħabba li kienet għadha ma itteħditx deċizjoni min-naħa tal-Partit Nazzjonalista.

**15.6 Audit Adjustments**

**15.6.01** Is-Segretarju ta spjegazzjoni ta' l-Audit Adjustments. (Ara Appendiċi 'B').

**15.6.02** Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill qabel unanimament.

**15.7 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

**15.7.01** Sakemm is-Sinjura Josianne Cutajar ser tkun bl-*unpaid leave* ser tinħareġ sejħa għall-*back to back contract.* Is-Segretarju informa lill-Kunsill li s'issa għad m'hemm l-ebda approvazzjoni min-naħa tad-Dipartiment.

**15.7.03** Il-Kunsill qabel li l-kontravenzjonijiet li hemm pendenti li ġejjin miż-żmien qabel il-Kumitat Reġjonali (2011), ser jipprova jagħmel sforz billi joffri skema lill-Avukat billi dan jippenalizza €15 multa fuq il-ħlas dovut u jekk tinġabar din is-somma, bil-€15 tibqa' għand l-Avukat. F'każ li l-kontravenzjoni ma tinġabarx, il-Kunsill ma jħallasx il-€15 lill-Avukat.

## 15.8 Update tal-proġetti

**15.8.01** Fir-rigward Triq Agostino Savelli, ix-xogħol għadu ma tkompliex minħabba li min-naħa ta' WSC għadha ser toħrog PA, sabiex tiġi approvata min-naa tal-Ministeru sabiex ikunu jistgħu jitkomplew ix-xogħolijiet.

**15.8.02** **Balluta Steps** – ser tingħata l-approvazzjoni lill-Perit sabiex jibda dan l-proġett u jibda jħejji l-pjanti kollha meħtieġa u jissottometti l-applikazjoni mal-MEPA.

**15.8.03** **Dar ta' l-Anzjani** – wara l-laqgħa li saret ma' l-Onor. Jusyne Caruana, ser issir laqgha ma' l-Onor. Deborah Schembri Segretarju Parlamentari responsabbli mid-Dipartiment ta' l-Artijiet. Il-Kunsill qiegħed jaqbel li l-Perit Stephen Farrugia għan-nom tal-MP&DC, ikompli jkun responsabbli tal-Proġett tad-Dar ta' l-Anzjani, hekk kif dan il-proġett jiġi approvat mill-Ministeru u jkollna l-approvazzjoni biex jitkompla. Dan invista għall-fatt li l-Perit Stephen Farrugia kien diġa' beda jħejji pjanti u studju fuq is-sit.

## 15.9 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.

**15.9.01** Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ċ').

**15.9.02** Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoraci ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

**15.9.03** Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ssekondah.

**15.9.04** Il-Kunsill qabel unanimament.

## 15.10 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**15.10.01** Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 3952 sa' Nru. 3958. (Ara Appendiċi 'D').

**15.10.02** Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3952 sa' Nru. 3958

## 15.11 Affarijiet oħra meqjusa urġenti u Aġġornament

**15.11.02** Għandha tintbagħat ittra lin-NAAR li jinsab fi Triq Ġorġ Borg Olivier minħabba li quddiemhom kien hemm bank u tneħħa u dan qatt ma reġa tpoġġa f'postu.

**15.11.03** Issir laqgħa mall-persuna li qed ikun hemm armat ħdejn il-Love Monument bil-pasti kull nhar ta' Sibt, sabiex jigi diskuss post ahjar minhabba li l-Kunsill mhux qed jaqbel li jibqa' jarma fejn il-Love Monument.

**15.11.04** Fir-rigward il-kwotazzjonijiet għall-akkomodazzjoni u trasport għall-persuni li ser jieħu sehem waqt l-attivita' Festa ta' Lapsi, ġew magħżula l-kwotazzjoni tal-Paramount Garage fir-rigward tat-Trasport filwaqt li għall-akkomodazzjoni ġie magħżula l-kwotazzjoni tat-Topaz. Ġew magħżula dawn il-kwotazzjonijiet minħabba li kienu l-aktar offerti vantaġġjużi (Ara Appendici 'E1' u 'E2')

**15.11.05** Terġa tinbagħat reminder fir-rigward il-wires li hemm baxxi fil-*village core* ta' San Ġiljan minħabba li meta ser tgħaddi l-istatwa minn hemmhekk ser ikun diffiċli biex tgħaddi minħabba dawn l-wires.

**15.11.06** Terġa tintbagħat reminder lill-Go Plc minħabba li għadd hemm il-wires mdendlin fit-taraġ ta' Triq Scicluna.

**15.11.07** Il-Kunsill reġa ddiskuta t-talba għall-imwejjed u siġġijiet quddiem il-Barracuda Restaurant. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li l-Kunsill ser jibqa' jżomm l-istess deċiżjoni li ħa jigifieri li ma jsirux imwejjed u siġġijiet. Dan minħabba li ser jiġi limitat l-aċċess għan-nies li jkunu għaddejin minn fuq il-bankina.

**15.11.08** Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 27 ta' Mejju 2016 fil-5.00p.m.

**15.11.08** Il-laqgħa ntemmet fis-6.35p.m

**IFFIRMATI**

| | |
|---|---|
| **Guido Dalli** | **Paul Spiteri** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |